**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 696/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Anne Marie Xuereb)**

**vs.**

**Mark Anthony Camilleri**

Illum, il-15 ta' Dicembru, 2022

Il-Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil Mark Anthony Camilleri ta' 42 sena, bin Michael u Rose nee' Zarb, imwieled San Giljan fit-2 ta' Frar 1976, u li joqghod The Vines, Triq is-Sajf, Mosta, detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija bin-numru 70876M

U akkuzatu talli:

1. Billi personalment u/jew fil-kapacita' tieghu ta' impjegat jew ta' ufficcjal principali jew ta' rapprezentant tal-kumpanija MEDAF Ltd, akkuzat talli matul is-snin 2014 u 2015, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda; appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan bi hsara li tammonta ghal aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-Ewro (€2329.37) ghad-detriment ta' Anthony Spiteri mis-Swieqi;

2. Kif ukoll billi personalment u/jew fil-kapacita tieghu ta' impjegat jew ta' ufficcjal principali jew ta' rapprezentant ta' GTF Travel Services akkuzat talli bejn il-perjodu ta' Gunju 2008 u Gunju 2009, f dawn il-Gzejjer, approprija ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhorn jew minhabba depozitu necessarju that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan bi hsara li tammonta ghal aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu ta' 1-Ewro (€2329.37) ghad-detriment ta' Planit Travel Agency Limited u/jew Aaron Stivala mis-Swieqi;

3. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'

intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-Ewro (€2329.37) ghad-detriment ta' Planit Travel Agency Limited u/jew Aaron Stivala mis-Swieqi.

4. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel qligh iehor b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kodici Krirninali ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu ta · 1-Ewro (€2329.37) ghad-detriment ta' Planit Travel Agency Limited u/jew Aaron Stivala mis-Swieqi

5. U b'hekk sar recidiv, a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LLD. fis-16 ta · Gunju 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x 'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar l-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[1]

[1] Folio 18 ta' l-atti processwali

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-24 ta' Gunju 2019 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[2]

Rat li l-Avukat Generali nhar it-12 ta' Marzu 2021 formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[3]:

- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a)tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 18, 308 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 18, 309 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li matul is-seduta tal-11 ta' Mejju 2021 din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli ghal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma ghandhux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[4]

---

[2] Folio 26 ta' l-atti processwali
[3] Folio 363 ta' l-atti processwali
[4] Folio 365 ta' l-atti processwali

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-11 ta' Mejju 2021.[5]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar l-1 ta' Frar 2022[6]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Dan il-kaz jikkoncerna zewg istanzi separati ta' allegata approprjazzjoni indebita ta' flejjes mill-imputat Mark Anthony Camilleri, liema flejjes kienu gew mghoddija lilu bhala investiment f'negozju ta' esportazzjonijiet ta' luminati u bhala hlas ta' biljetti tal-ajru rispettivament minn terzi persuni.

[5] Folio 365 ta' l-atti processwali
[6] Folio 368 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2019 xehdet **l-Ispettur Yvonne Farrugia**[7], stazzjonata fit-Taqsima kontra r-Reati Ekonomici. Spjegat li l-akkuzi f'din il-kawza jirrelataw ghal zewg incidenzi separati.

L-ewwel incidenza tikkoncerna rapport li kien sar fis-sena 2014 minn certu Anthony Spiteri. Dan kien stqarr li kien sar jaf lill-imputat Mark Anthony Camilleri tramite certu Roderick Tanti, li jigi minnu. Camilleri kien hajjarhom sabiex jinvestu mieghu f'negozju ta' esportazzjoni ta' kontejners tal-luminata, fejn il-qliegh propost kellu jkun ta' madwar €2,000 kull kontejner. Il-kwerelant kien ghalhekk investa €20,000 ma' Camilleri u gie mghoddi cekk fl-ammont ta' €20,000 *post-dated* ghall-10 ta' Novembru 2014. Gara li meta Spiteri prova jsarraf dan ic-cekk, dan gie ritornat *referred to drawer* biex b'hekk Spiteri spicca la gabar il-kapital u lanqas il-profitt imwieghed. Ic-cekk kien mahrug kontra kont tal-kumpannija Medaf Limited. Ix-xhud tkellmet ukoll ma Roderick Tanti fejn dan spjega li Camilleri l-ewwel kien hajjar lilu sabiex jinvesti izda minhabba li ma kellux is-somma kollha rikjesta, dahhal mieghu lil Anthony Spiteri. Ikkonferma li ma gabru xejn minn dak li kienu hargu. Kompliet tispjega li nhar is-7 ta' Settembru 2016, l-imputat Mark Anthony Camilleri kien gie interrogat mill-eks kollega taghha l-Ispettur Jonathan Ferris u l-imputat, wara li ghazel li ma jikkonsultax ma Avukat, stqarrr li kien *self-employed* u kkonferma li kien dahal f'negozju ma Roderick Tanti fejn dan kien ghaddielu s-somma ta' €17,000

[7] Fol. 27-40 ta' l-atti processwali.

sabiex jiffinanzja esportazzjoni ta' konsenja luminata. Ikkonferma li kien ghadda pagament ta' €2,000 lil Anthony Spiteri f'Settembru 2014 u ammetta li kien ghad hemm xi bilanci pendenti favur l-istess Spiteri. Minn stharrig li ghamlet ix-xhud mal-Agenzija Jobsplus, irrizulta li ma kienx veru li l-imputat kien *self-employed* fiz-zmien relevanti u minn stharrig li sar mal-bank HSBC Bank Malta plc, irrizulta li l-uniku firmatarju ghal cekkijiet tal-kumpannija Medaf Limited kien certu Malcolm Paul Galea u l-firma li hemm fuq ic-cekk ezebit *prima facie* ma taqbilx mal-kampjun registrat mal-bank.

Ix-xhud regghet baghtet ghall-imputat fit-18 ta' Ottubru 2018 taht arrest u wara li rrinunzja ghad-dritt ta' l-assistenza legali, ikkonferma l-ewwel stqarrija tieghu u zied jghid li f'Settembru 2016 kien iffirma skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu quddiem in-Nutar Marco Burlo` fejn permezz tieghu intrabat li jhallas lil Anthony Spiteri s-somma ta' €20,000[8]. Illi in sostenn ta' dan ix-xhud esebiet ukoll (apparti l-kostituzzjoni ta' debitu) skrittura privata bejn l-imputat u Anthony Spiteri li ggib id-data 30 ta' Ottubru 2014 li biha jikkonferma li l-imputat ghandu dejn ta' ghoxrin elf ma Anthony Spiteri.[9]

Fir-rigward tal-kumpanija Medaf Limited, spjega li filwaqt li fir-*records* tal-Registru tal-Kumpaniji ghal xi zmien kien jidher it-Tabib Dr Malcolm Paul Galea bhala azzjonist u direttur, kien hu responsabbli minn negozju kollu tal-kumpannija u eventwalment kollox kien dar fuqu. Kien ikkonferma li hareg ic-cekk ta' €20,000 favur Anthony Spiteri u li l-pagament ma setax isir minhabba li l-kumpannija *"kienet sofriet danni"* li prezumibbilment affettwaw il-likwidita` taghha. Procediet bl-akkuzi partikolarment wara li informazzjoni imwieghda mill-imputat dwar in-negozju tal-luminata baqghet qatt ma waslet.

[8] Dok A, Folio 59 ta' l-atti processwali
[9] Dok YF2, Folio 43 ta' l-atti processwali

Ix-xhud esebiet kopja ta' cekk li ghadda Anthony Spiteri lill-prosekuzzjoni li kien ta' Medaf Ltd.[10] Dan ic-cekk fl-ammont ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000) iggib id-data ta' l-10 ta' Novembru 2014 u li fih hemm nota li tghid *"return to drawer"*. Illi flimkien ma dan ic-cekk hemm nota tal-Bank HSBC li jinforma li dan ic-cekk ma setax jigi msarraf. Ix-xhud ipprezentat sensiela ta' dokumenti li kienu ricerka li gew mwettqa mill-HSBC fuq investigazzjoni u stharrig ma l-istess bank[11] kif ukoll estratt mir-registru tal-kumpanija *online* tal-kumpanija Medaf Company Ltd – C55660.[12]

It-tieni incidenza tikkoncerna rapport maghmul fis-sena 2009 minn Aaron Stivala ghan-nom ta' Planit Travel Agency Limited, fejn dan kien allega li l-kumpannija giet frodata mis-somma ta' €9,585.84 mill-imputat Mark Anthony Camilleri.[13] Dan gara meta l-imputat, li pprezenta ruhu bhala rapprezentant tal-kumpanija GTF Travel Services Limited u ordna 36 biljett tal-ajru ghal klijenti Taljani biex jigu Malta. Kien qdieh impjegat jismu Anthony Vella u l-ftehim kien li t-titjiriet jithallsu hekk kif il-kontingent ikun Malta. Eventwalment l-imputat kien ghadda cekk tal-Banif Bank plc fl-ammont ta' €9,585.84. Dan ic-cekk kien gie referred to drawer u meta Stivala kellem lill-imputat, dan qallu li kellu problema ghax is-sieheb tan-negozju fl-Italja ma kienx hallsu u kien ser jipprova jhallas hu stess. Filfatt kien ghamel pagament ta' €3,469.00 pero` imbaghad ma sar l-ebda pagament iehor. Minn verifiki li x-xhud ghamlet mal-Banif Bank plc irrizulta li fil-kont tal-imputat ma kienx hemm bilanci sufficjenti biex ikopru c-cekkijiet li kien qed johrog fiz-zmien relevanti u ukoll, li dakinhar stess li kien ghadda c-cekk lil Aaron Stivala, l-imputat kien ghamel *stop-payment* fuq l-istess cekk bl-uzu tal-*internet banking*. Minn naha taghha, x-xhud kienet baghtet ghall-imputat fejn dan kien spjega li huwa kien xtara l-biljetti f'isem

[10] Dok YF1, Folio 41 ta' l-atti processwali
[11] Dok YF6, Folio 64 ta' l-atti processwali
[12] Dok YF7, Folio 66 – 70 ta' l-atti processwali
[13] Dok YF11, Folio 81-84 ta' l-atti processwali

habib tieghu Gaetano Tamburello. Eventwalment kien ikkonceda li Tamburello kien hallsu l-prezz shih tal-biljetti izda huwa kien uza l-flus ghal xi haga ohra u kien ghalhekk li waqqaf il-pagament tac-cekk.

Ix-xhud hadet stqarrija ohra lill-imputat fit-18 ta' Ottubru 2018 fejn wara li ghazel li ma jikkonsultax ma avukat, kien ikkonferma l-ewwel stqarrija izda ccara li minn dak iz-zmien kien hemm kawza civili fuq l-istess mertu u li kien fil-fatt ghamel pagament parzjali izda kien ghad hemm bilanc pendent ta' €5,585.84.

In sostenn tax-xhieda taghha gie esebit kopja ta' cekk mahrug mill-imputat lil Planit Travel Co Ltd fl-ammont ta' €9,585.84[14] kif ukoll l-invoices relattivi u dokumenti ohra relatati max-xhieda taghha.[15]

**Aaron Stivala**, xehed fis-seduti tal-24 ta' Gunju 2019[16] u d-19 ta' Novembru 2020[17]. Filwaqt li kkonferma li huwa jmexxi agenzija tal-ivvjaggar Planit Travel Services Limited, ikkonferma li f'Gunju tas-sena 2009 kien ghamel rapport kontra l-imputat Mark Anthony Camilleri minhabba li wara li dan kien ordna ammont ta' biljetti tal-ajru mill-agenzija, kien hallas b'cekk li meta gie msarraf m'ghaddiex. Wara kien sar pagament in parte f'kontanti mill-imputat izda imbaghad sparixxa u halla bilanc pendent ta' madwar €4,000.

**It-Tabib Dr Malcolm Paul Galea**[18] xehed fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2019. Spjega li l-professjoni tieghu hija tabib tal-familja u lill-imputat jafu minhabba li lura ghall-habta tas-sena 2011 kien ghenu sabiex jibdew negozju flimkien u fil-fatt giet registrata l-kumpanija Medaf Limited. Ghalkemm kien registrat bhala direttur, kien ihalli kollox f'idejn l-imputat ghax hu kien okkupat bil-

---

[14] Dok YF12, Folio 85 ta' l-atti processwali
[15] Dok YF13-18, Folios 87-126 ta' l-atti processwali
[16] Fol. 137-139 ta' l-atti processwali.
[17] Fol. 340-349 ta' l-atti processwali.
[18] Fol. 146-160 ta' l-atti processwali.

professjoni u ma kienx jifhem fis-settur tal-ikel u xorb. Eventwalment beda jinqala dizgwid mal-imputat dwar il-flus u beda dejjem jitolbu jisilfu aktar flus u sahansitra x-xhud beda jircievi telefonati minghand kredituri u huwa ma kienx jaf wisq dwar dak li kien qed jigri. L-imputat kien imbaghad qallu sabiex issir il-"Form K" u jdur kollox fuqu personalment. Dan kien ghall-habta tas-sena 2013. Spjega li minhabba l-preokkupazzjoni li qabditu dwar in-negozji li kien qed jaghmel l-imputat, iddecieda li jittrasferilu ukoll is-*shares* b'mod gratuwitu l-aqwa li jehles mill-kumpanija. Il-process kellu jsir mill-*accountant* Paul Camilleri li nkariga l-imputat. Filwaqt li x-xhud kien minghalih li t-trasferiment tal-ishma kien sar u gie debitament registrat, sakemm fis-sena 2018 ircieva telefonata minghand persuna injota, prezumibbilment kreditur tal-imputat, li gharrfu li huwa kien ghadu mnizzel bhala azzjonist tal-kumpannija fir-Registru tal-Kumpaniji.

Minn verifiki li ghamel ix-xhud, irrizultalu li vermament it-trasferiment tal-ishma qatt ma kien gie registrat u dan minhabba li kien hemm formalitajiet li ma sarux. Meta gie muri c- cekk ta' €20,000 mahrug favur Anthony Spiteri mill-kumpannija Medaf Limited, ix-xhud innega li huwa kien kiteb dan ic-cekk jew li addirittura kien jaf bih. Sahaq ukoll li lil Anthony Spiteri ma kienx jaf min hu. Spjega ulterjorment li minn dak iz-zmien il-kuntatt personali mal-imputat inqata' u kull komunikazzjoni kienet permezz tal-avukati.

Ix-xhud gie prodott in kontro-ezami fis-seduta tal-1 ta' Frar 2022[19]. Iccara li originarjament, huwa kien fetah il-kumpanija Medaf Limited biex tinnegozja fil-farmacewtika izda imbaghad, meta dahal l-imputat fix-xena, inqaleb il-generu tan-negozju u fil-fatt fetah il-kumpanija Medihealth Limited biex jinnegozja fil-farmacewtika. Innega li kien ghadda l-kumpanija Medaf Limited lill-imputat bi djun kontriha. Ix-xhud ma kienx kapaci jghid x'kien il-valur

[19] Fol. 372-375 ta' l-atti processwali.

approssimattiv ta' luminata esportata mill-kumpannija u dan, skont hu, minhabba li la kien involut fl-operazzjonijiet u ghax ma kienx jifhem fis-settur.

**Anthony Vella**[20] xehed fis-seduta tat-12 ta' Frar 2019. Spjega li kien jahdem ma Planit Travel Agency u kien jaf lill-imputat Mark Anthony Camilleri minhabba li dan, flimkien ma certu Gaetano Tamburella kienu kellmuh sabiex issir kollaborazzjoni mal-agenzija Taljana GTF rigward titjiriet lejn Malta u l-Egittu. Elabora li l-fatturi li jinsabu ezebiti in atti jikkoncernaw il-prezz ta' diversi titjiriet minn ajruporti fl-Italja lejn Malta, minn fejn il-passiggieri imbaghad qabdu titjiriet ghall-Kajr fl-Egittu. Il-fatturi huwa indirizzati lill-imputat minhabba li huwa kien ir-rapprezentant ta' GTF f'Malta. Ftakar li kien sar pagament mill-imputat permezz ta' cekk li ma ghaddiex u fil-fatt kien ghad hemm bilanc pendenti fuq il-kont sakemm ix-xhud kien ghadu jahdem ma Planit Travel Agency. Kien ircieva imejl minghand Gaetano Tamburella fejn dan qal li huwa kien ghadda l-fondi necessarji lill-imputat sabiex ihallas tat-titjiriet.

**Joseph Saliba** rapprezentant tal-Agenzija Jobsplus xehed fis-seduti tal-24 ta' Ottubru 2019[21] u tal-25 ta' Gunju 2020[22], fejn huwa pprezenta kopja tal-*employment history* tal-imputat.

**Alfred Ferrante**[23] u **Stephen Baldacchino**[24], rapprezentanti ta' BNF Bank plc xehdu fis-seduti tal-24 t'Ottubru 2019 u d-19 ta' Novembru 2020 rispettivament. Debitament ezentati mis-sigriet bankarju, ipprezentaw sensiela ta' rendikonti relattivi ghall-kont bankarju tal-imputat Mark Anthony Camilleri u dokumenti

[20] Fol.161-169 ta' l-atti processwali.
[21] Fol. 174-175 ta' l-atti processwali.
[22] Fol. 318-319 ta' l-atti processwali.
[23] Fol.177-184 ta' l-atti processwali.
[24] Fol. 337-339 ta' l-atti processwali.

relatati, inkluz dawk koncernanti ic-cekk mahrug favur Planit Travel Co Ltd bin-numru 13067 li twaqqaf fuq struzzjonijiet tal-imputat.

**Marvic Vella**[25] u **Amanda Buhagiar Camenzuli**[26] rapprezentanti ta' HSBC Bank Malta plc xehdu fis-seduta tal-24 t'Ottubru 2019 u tad-19 ta' Novembru 2020 ripettivament, wara li gew debitament ezentati mis-sigriet bankarju. Ipprezentaw sensiela ta' rendikonti relattivi ghall-kont bankarju tal-kumpanija Medaf Limited u dokumenti relatati.

**Il-PL Quentin Tanti**[27], rapprezentant tal-Malta Business Registry xehed fis-seduta tal-24 t'Ottubru 2019 fejn ipprezenta dokumentazzjoni relattivi ghal Medaf Limited (C-55660), inkluz il-*memorandum and articles of association* u formoli li jindikaw bidla fl-ufficjali tal-kumpanija ossija "Form K".

**Anthony Spiteri** [28] xehed fis-seduta tal-20 ta' Frar 2020. Huwa gharaf lill-imputat prezenti fl-awla. Kien jafu minhabba li kien gie introdott mieghu minn hu l-mara tieghu, Roderick Tanti, sabiex jippartecipa mieghu f'negozju ta' esportazzjoni ta' Coca Cola minn Malta ghall-Olanda. Hu u Tanti kellhom jghaddu lill-imputat €18,000 u taghhom jircievu €2,000 profitt. Fil-fatt, kien gie mghoddi pagament ta' €18,000 in kontanti f'Ottubru 2014 cirka u kienet giet iffirmata skrittura li tkopri din it-transazzjoni u kien inghata cekk fl-ammont ta' €20,000 *post-dated*. Meta x-xhud prova jsarraf dan ic-cekk, dan ma ghaddiex u ghalhekk kellem lill-imputat. Eventwalment l-imputat qata' l-kuntatt u dan xpruna lix-xhud li jaghmel rapport mal-Pulizija. Kienet giet ukoll iffirmata skrittura quddiem Nutar fejn permezz taghha, l-imputat obbliga ruhu li jhallas €20,000.

[25] Fol.196-199 ta' l-atti processwali.
[26] Fol. 350-351 ta' l-atti processwali.
[27] Fol.251-252 ta' l-atti processwali.
[28] Fol.303-311 ta' l-atti processwali.

Ix-xhud gie prodott in kontro-ezami fis-seduta tal-1 ta' Frar 2022[29]. Iccara li meta l-flus gew mhgoddija lill-imputat, hu kien prezenti flimkien ma Roderick Tanti. Sahaq li prova jsarraf ic-cekk qabel id-data tal-maturita` minhabba li l-pagamenti minn naha tal-imputat kienu waqfu. Ikkonferma li kienet giet iffirmata skrittura ta' kostituzzjoni ta'debitu mal-imputat quddiem in-Nutar Burlo` u elabora li din kienet saret wara gwida mill-Ispettur Jonathan Ferris.

**Paul Camilleri**[30] xehed fis-seduta tal-1 ta' Frar 2022. Spjega li huwa *accountant* u kien presta servizzi professjonali lill-imputat Mark Anthony Camilleri. Fil-fehma tieghu, il-kumpanija tal-imputat gieli kienet sejra tajjeb u gieli marret hazin. Irrefera ghal incident li sehh fis-sena 2017, fejn waqt li kien f'lukanda Sqallija mal-imputat u kienu ltaqghu ma certu Guglielmo Mirabella u l-imputat qallu li kellu jiehu "xi €20,000" minghandu, b'dan Mirabella jirribatti li l-flus kienu ghand certu Fabio Radenza. Ix-xhud kien jiehu hsieb il-finanzi kemm tal-imputat personalment kif ukoll ta' Camilleri Brothers u Medaf Limited.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrijiet**

Mill-provi prodotti, jidher li fir-rigward tal-incidenzi mertu ta' dawn il-proceduri, l-imputat kien ta b'kollox erba stqarrijiet u cioe` nhar il-15 t'Ottubru 2009[31] quddiem l-eks Spettur Yvonne Farrugia fil-prezenza ta' PC 1305 Silvio Zammit; nhar is-7 ta' Settembru 2016[32] quddiem l-eks Spettur Jonathan Ferris fil-prezenza ta' WPC 67 Vanessa Borg u PS 266 Stefan Decelis; nhar it-18 t'Ottubru 2018[33] quddiem l-eks Spettur Yvonne Farrugia fil-prezenza ta' PC 878 Jurgen Muscat u PS 251 Christian Abela; nhar it-18 t'Ottubru 2018[34] quddiem l-

[29] Fol.369-371 ta' l-atti processwali.
[30] Fol. 377-381 ta' l-atti processwali.
[31] Folios 127-131 ta' l-atti processwali
[32] Dok YF4 - Folios 47-53 ta' l-atti processwali
[33] Folios 73-79 ta' l-atti processwali
[34] Folios 133-135 ta' l-atti processwali

eks Spettur Yvonne Farrugia fil-prezenza ta' PC 448 Clive Abela u PS 251 Christian Abela.

Jidher li f'kull okkazjoni, l-imputat inghata s-solita twissija u inghatawlu d-drittijiet tieghu, fejn dejjem ghazel li ma jikkonsultax ma avukat tal-fiducja tieghu.[35]

Illi fl-istqarrijiet l-imputat dejjem wiegeb ghall-mistoqsijiet maghmula lilu u f'kull kaz, irrikonoxxa li kien ghad hemm bilanci ta' flus dovuti kemm lil Anthony Spiteri kif ukoll lil Planit Travel Co. Ltd. Madankollu, skont l-imputat, ir-rapport tieghu ma dawn kien wiehed ta' negozju *bona fide* li sfortunatment mar hazin u fil-kaz tal-biljetti tal-ajru minghand Planit Travel Co. Ltd., minhabba li hu ma kienx thallas il-valur tal-biljetti minn terzi.

**Principji legali dwar l-istqarrijiet**

Fuq bazi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk l- istqarrijiet li ġewt rilaxxati mill-imputat humiex amissibbli u jistax ssir inferenza f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġew rilaxxati l-ewwel zewg stqarrijiet ta' l-imputat, il-liġi Maltija ma kienitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul l-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk l-istqarrija in kwistjoni kienitx konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta l-imputata rrilaxxat l-istqarrija taghha hija kienet ingħatat id-dritt li tikkonsulta mal-avukat tal-għażla taghha, liema dritt infatti hija ghazlet li ma

[35] Dok YF3 - Folio 47, Dok YF9 - Folio 73, Dok YF20 – Folio 133 ta' l-atti processwali

tuzaxh. Madankollu ma kien ingħata l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tiegħu matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att LI tas-sena 2016 li dahlet fis-sehh fit-28 ta' Novembru 2016.[36] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ wara li l-imputata ġiet interrogata.

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[37] li tirrigwarda l-ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet esprimiet is-segwenti:

> *Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fissentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*
>
> *"...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel l-*

[36] Fit-28 ta' Novembru 2016
[37] Rikors kostituzzjonali 92/16.

*interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."*

*Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz, ilgaranzija u protezzjoni ta' smiegħ xieraq tirikjedi illi l-arrestat jingħata l-possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Għalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tarrikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni. M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn fost dawn is-sentenzi wiehed isib il-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Claire Farrugia**[38] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018, fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza

[38] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din il-posizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret fl-istqarrija. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti l-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.[39] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l-avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[40] fejn il-Qorti rriteniet:

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun*

[39] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali
[40] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018

*sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Graziella Attard vs Avukat Generali**[41] fejn il-Qorti rriteniet:

> *"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali , illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*
>
> *Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[42]
>
> *"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[43]

[41] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali
[42] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[43] Folio 14 tas-sentenza

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**[44] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għallpreżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[45]

Illi din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[46]

Illi l-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza recenti ta' **Roderick Castillo vs Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**[47] fejn gie ikkonfermat li meta issir ezami dwar l-ammissibilita ta' l-istqarrija ghandu ssir ukoll ezami tal-proceduri kollha hekk kif indikat fis-sentenza **Beuze vs. Belgium**.

F'decizjoni ricenti **Morgan Onuorah v l-Avukat tal-Istat**[48] il-Qorti Kostituzzjonali stqarret li:

---

[44] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF

[45] Folio 25 tas-sentenza

[46] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18

[47] Deciza 20 ta' Lulju 2020, Qorti Kostituzzjonali, S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 20/16

[48] Deciza 27 ta' Jannar 2021, Qorti Kostituzzjonali, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18

*"il-qrati domestici ma jistghux jippermettu li f'proceduri kriminali li ghadhom pendent jithallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bhala difett procedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-process kriminali kollu."*[49]

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Tony Curmi**[50] fejn il-Qorti riteniet:

*Din il-Qorti ghalhekk tqis li nonostante l-fatt li l-istqarrija ta' Wayne Grima ittiehdet fi zmien meta suspettat ma kienx jinghata d-dritt li jkollu Avukat prezenti waqt listqarrija u fejn setghet anke tapplika r-regola ta' inferenza fejn suspettat jaghzel li jikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija, jekk ma jkun irid jghid xejn jew jonqos milli jsemmi xi fatt u sussegwentement matul il-process iressaq xi difiza li tkun ibbazata fuq xi fatt li ma jkunx semma matul l-interrogazzjoni, mhux biss Wayne Grima ghazel li jiguramenta l-istqarrija tieghu izda ukoll sal-lum il-gurnata ma jirrizultax jekk Wayne Grima qieghed jikkontesta l-ammissibilita' jew il-kontenut tal-istqarrija rilaxxata minnu. Ghalhekk din il-Qorti tqis li tali stqarrija ghandha tibqa' fl-atti u ghalhekk hija prova ammissibli f'kaz li Wayne Grima jixhed f'dan ilguri u tali stqarrija ma tigix kontestata minnu.*

*Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi ghar-ragunijiet ikkunsidrati f'din is-sentenza, tilqa' limitatament l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat billi filwaqt li tiddikjara l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat Tony Curmi fit-23 ta' Novembru 201459 a fol 7 et sequitur tal-atti ta' quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja bhala prova inammissibbli u ghalhekk tordna l-isfilz taghha, tiddikjara ukoll kwalunkwe referenza li saret fl-atti inkluz fil-provi u fix-xhieda ghal dak li l-akkuzat Tony Curmi seta' qal matul l-investigazzjoni u matul it-tehid tal-istqarrija minghajr ma kellu Avukat prezenti bhala ukoll inammissibli.*

[49] Folio 12 tas-sentenza

[50] Qorti Kriminali; Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Att ta' Akkuza 8/2019

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputata[51], u tinsab konvinta li l-imputat ma kienx necessarjament ben konxju jew imdorri ghall-proceduri u l-prattici tal-pulizija. Madankollu, hija ma tistax tinjora l-insenjamenti lokali u regonali f'dan il-qasam, u a bazi tal-istess insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġu b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta l-ewwel zewg stqarrijiet u cioe dik li saret fil-15 ta' Ottubru 2009 u dik li saret fis-7 ta' Settembru 2016 u ma tqishomx bħala prova f'dawn il-proċeduri.

Madankollu l-Qorti ser tqis dak kollu li hemm msemmi fiz-zewg stqarrijiet tat-18 ta' Ottubru 2018 (15.55hrs u 17.50hrs).

Illi f'l-ewwel stqarrija tat-18 ta' Ottubru 2018 regghet giet moqrija lilu l-istqarrija tas-7 ta' Settembru 2016 u l-imputat stqarr li jixtieq jikkonfermha u zzid li wara dan iz-zmien kien hemm laqa' gewwa l-kwartieri generali tad-depot bejn Roderick Tanti, Anthony Spiteri u hu sabiex b'mod amikevoli jhallas is-somma ta' ghoxrin elf lil Anthony Spiteri. Kienu regghu ghamlu ftehim gdid dwar pagamenti izda ma bediex ilahhaq u ma onorax il-ftehim.

F'din l-istqarrija, l-imputat kien gie muri ic-cekk in kwistjoni u ikkonferma li kien iffirmah hu u imlieh hu u li l-ammont ta' flus jirraprezenta flus li kien

[51] Folio 4-6 minn wara u quddiem ta' l-atti processwali

inghata lilu fuq xoghol ta' esportazzjoni ta' xorb. Ikkonferma wkoll li dan ic-cekk kien tah lil Anthony Spiteri *post dated*.

Meta kien mistoqsi dwar il-fatt li l-uniku firmatarju tal-kont MEDAF Ltd kien Malcolm Paul Galea, l-imputat stqarr li dan ma kienx il-kaz ghaliex f'Settembru tat-2013 jew 2014 kien mar il-bank HSBC, Balzan u kien ghamel modifika ta' *change of signatory*. Kien ha l-karta tal-MFSA li kien sar Direttur u hemm kien biddel il-firma.

L-imputat tenna ukoll li f'dak iz-zmien kien ghad hemm bilanc ta' tmintax il-efl u hames mitt Euro u li l-intenzjoni tieghu kienet li jibqa ghaddej ihallas lil Anthony Spiteri.

Illi fit-tieni stqarrija rega gie moqri l-istqarrija tal-15 ta' Ottubru 2009 lill-imputat fejn ghazel li *"nikkonfermha iva, m'ghandi xejn izjed xi nzid"*.[52] Illi din l-istqarrija kienet ghar-rigward l-appropjazzjoni bla jedd ta' Planit Travel Ltd. L-imputat jikkonferma li filwaqt li kien ghamel certu hlasijiet kien ghad fadallu amont xi jhallas.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali - Ir-reat tat-truffa u ta' lukru frawdolent innonimata**

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Aaron Mizzi**[53] fejn inghad li

*"Illi abbazi ta' Artiklu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jissussisti r-reat ta' frodi jew truffa, jehtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi: (i) in-ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat, (ii) l-element materjali konsistenti fl-uzu ta' ingann jew raggiri, (iii) l-elementi formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tattruffar u (iv)*

[52] Dok YF21, Folio 135 ta' l-atti processwali

[53] Qorti ta' l-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Michael Mallia; Appell Numru 225/2014

*l-element ta' dannu patrimonjali. Min-naha l-ohra, fir-rigward tar-reat ta' frodi nnominata kkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sempliċi gidba hija bizzejjed biex twassal ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat u l-messa in scena mhiex necessarja. Madanakollu, il-gidba trid tkun tali li twassal ghat-telf patrimonjali tal-vittma hekk kif rikjest mil-ligi.*

*Illi fl-umli fehma tal-appellanti l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlitx interpretazzjoni korretta tal-element ta' dolo hekk kif ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 308 u 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza L-Pulizija vs. Charles Zarb deciza fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elf disgha mija tlieta u disghin (1993) huwa car: Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo. (enfasi tal-esponent)."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **The Police vs Konstantin Alexander Anastasiou**[54] fejn intqal:

*For the Crime as configured under the charges of the case the following elements must subsist;*

*1. The agent must have used the means these being those mentioned in Article 308 (by means of any unlawful practice, or by the use of any fictitious name, or the assumption of any false designation, or by means of any other deceit, device, or pretence).*

*2. The agent's action must have led the victim to part with an object, the dispossession is with the victims consent.*

*3. There must be the intention of defrauding another with the intention of making an unjust gain.*

---

[54] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Consuelo Scerri Herrera; Deciza 29 ta' Settembru 2020; App Nru: 135/2018

*4. Finally an actual unjust gain must have actually been made.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs George Manicolo**[55] fejn gie ikkonfermat:

*"Sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhijiex bizzejjed is-semplici gidba, il-kliem menzjonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-bidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Minbarra l-gideb irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f' dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji. kwazi teatrali, u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici: Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali huwa kompriz u involut f' dak ikkontemplat fl-artikolu 308 ta' l-istess Kodici. Dan johrog car minn interpretazzjoni akkurata ta' l-artikoli 308, 309 u 310, kif ukoll fuq l-iskorta tal-gurisprudenza in materja."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal-kaz **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra** intqal (u li sussegwentement giet ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali[56]:

*'Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fissentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn min qieghed jikkometti ir- reat u il- vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir- reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex issofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa,*

[55] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Emeritus Patrick Vella; Deciza 31 ta' Lulju 1998
[56] Deciza 17 ta' Mejju 2012; Appell Numru 139/2011

*allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. IlQorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

*"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id- disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir- reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 talKodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....". Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'lingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*

*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*

*c. ta' kwalifiki foloz jew*

*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*

*e. ingann jew*

*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*

*g. jew ta' hila*

*h.setgha fuq haddiehor jew*

*i. ta' krediti immaginarji jew*

*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, cjaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*".... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ...."*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess filmenti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi "kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun*

*jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."*

*"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm lelement intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar- reat filmument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d- dolo."*

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l- elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa "l'elemento del'danno patrimoniale" Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)*

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat- truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (IlPulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : "L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del*

*carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir- reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir- reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il- Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): "Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment minnaha l-ohra."*

*Illi ghalhekk mill-fattispecje ta' dana l-kaz il-Qorti trid tara jekk jezistux l-elementi legali rikjesti ghar-reat tat-truffa. Illi minghajr l-icken dubbju jirrizulta illi l-imputat bil-mezz ta' ingann u uzu ta' dokument illi huwa kien jaf ben tajjeb li kien falz irnexxielu jikseb fuel li ma kienx intitolat ghalih sabiex b'hekk huwa arrikkixxa ruhu u dana ghad-dannu tal-Water Services Corporation li spiccaw kellhom ihallsu ghal fuel li ittiehed indebitament millimputat. Illi l-Qorti ma tistax taqbel mad-difiza illi dana il-kaz ghandu il-fattispecje tar-reat tas-serq u dana peress illi l-imputat ma huwiex qed jiehu ad isaputa tas-sid l-oggett, izda qed jadopera mezzi u cioe' 'l hekk imsejjha artifizji sabiex jinganna u jiehu l-fuel li ma kienx intitolat ghalih. Fil-fatt fil-maggior parti taghhom jirrizulta illi l-vouchers ipprezentati millimputat kollha gew imhallsa mill-Korporazzjoni. Illi f'dana il-kaz hemm l-applikazzjoni ta'lartikolu 310(1) billi jirrizulta mill-atti illi l-ammont ta' fuel li ittiehed mill-imputat kien jeccedi l-elf lira maltin jew l-ammont ta' €2329.37.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Charles Zarb**[57] fejn intqal:

*"Ghar-reat ta' truffa hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' substrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. M'huwiex bizzejjed ghall-finijiet ta' l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali affermazzjonijiet, luzingi, promessi minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur. Kwantu jirrigwarda d-dolo, irid ikun hemm lintenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun bi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn ilkliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l- element intenzjonali ta' truffa hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu jkun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt, u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Finalment il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Anthony Fountain u Stephen k/a Abela**[58] fejn gie spejgat l-elementi differenti bejn l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali.

*'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna.*

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).*

[57] Qorti tal-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Carmel A Agius; Deciza 22 ta' Frar 1993
[58] Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali; Deciza 15 ta' Dicembru 2011

*Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei:*

*'artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.'*

*Antolisei jkompli jghid pero li*

*'nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.'*

*Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:*

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet."*

**Ikkunsidrat**

**L-appropjazzjoni bla jedd**

L-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jghid:

*"Kull min japproprja ruhu, billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Izda ebda procediment kriminali ma jista' jinbeda ghal dan id-delitt, hlief bi kwerela tal-parti."*

L-artikolu 294 tal-Kodici Kriminali jghid:

*"Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan jigi maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lill-hati minhabba l-professjoni, industrja, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza **Il-Pulizija vs Alan Azzopardi et**[59] fejn gie ritenut:

*Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprazzjoni indebito huma dawn li gejjin:*

1. *Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del posesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprazzjoni indebito, imma s-serq.*

[59] Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera, Deciza 24 ta' Novembru 2000

2. *Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni indebita (kif fil-fatt gara f' dan il-kaz meta sar il-bejgh).*

3. *Illi l-oggett irid ikun mobbli;*

4. *Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha jew jbiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*

5. *Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm d-dannu patrimonjali kawzat lil proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni indebito.*

*Fuq dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Marzu,** 1993 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Ali Abdulla Bakush** fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat jdawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'inhu pero jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni indebita huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja*

*imma fuq il-fatt li pesuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiehor, liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-artikolu 293 tal-Kodici taghna.*

*In generali jinghad li fid-dottrina b'approprazzjoni indebito wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn l-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara* ***Crivellari - Dei Reati contra la Proprieta*** *– pg. 498; ediz. 1998).*

*Il-***Carminiani** *fil-ktieb tieghu* **Elementi Iuris Criminali -** *(para 1020) jiddefinixxi dan r-reat li huwa jsejjahlu bhala:*

> *"il fatto de quo liu, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro la volonta del propretario stesso e converta in uzo proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo."*

***Carrara*** *fil-kieb tieghu* **Diritto Penale** *taht t-titolu* **Esposizione dei Delitti Inspecie** *(vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan r-reat bhala:*

> *" la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato."*

*Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide* ***Il-Pulizija v Joseph Mifsud deciza nhar t-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija v Joseph Richmond et deciz nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; Il-Pulizija v Capt. Albert Mallia deciz nhar l-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949*** *u* ***Il-Pulizija v Emanuel Cassar deciz nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997.****)*

*B'dan il-Qorti trid tfisser li irid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni inter alia meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati in buona fede.*

**Ikkunsidrat**

**L-addebitu tar-recidiva**

L-imputat tressaq talli fl-istess sar recidiv skont l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali permess ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke nhar is-16 ta' Gunju 2010.

F'dan ir-rigward il-prosekuzzjoni esebiet it-tali sentenza[60] fejn fuq ammissjoni tieghu stess gie misjub hati u gie ikkundannat tmintax (18) il-xahar prigunerija

[60] Dok AX1, Folio 329-331 ta' l-atti processwali

li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghal erbgha (4) snin kif ukoll multa ta' seba mitt (€700) Euro li kellha tithallas fi zmien tlett (3) xhur u interdizzjoni generali perpetwa.

**Ikkunsidrat**

**Provi li tresssqu**

Illi mill-provi kollha mressqin ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-imputat kellu dejn ma Anthony Spiteri kif ukoll ma Aaron Stivala u Planit Travel Agency Limited. Fis-sottomissjonijiet taghha d-difiza lanqas tikkontesta li kien hemm dan in-negozju bejn il-partijiet u li nholoq dejn bhala konsegwenza.

Mill-istqarrijiet ta' l-imputat[61] hemm ukoll konferma ta' l-imputat stess fejn jammetti li approrpja ruhu minn dawn il-flejjes kif ukoll li wettaq ir-reat tat-truffa u ta' lukru frawdolent innonimata. Jirrizulta pero li l-kontestazzjoni tad-difiza huwa dwar il-quantum tal-flejjes involuti u l-bilanc dovut sal-llum il-gurnata.

Il-Qorti tqis ukoll li x-xhieda tat-tabib Malcolm Paul Galea ghandha mis-sewwa u ma ghandha ebda raguni sabiex tiddubitah meta stqarr li l-firma fuq ic-cekk maghmul favur Anthony Spiteri ma kinitx tieghu u li ma kien jaf b'xejn bih.

Dwar l-ewwel incidenza, ix-xhud Anthony Spiteri jikkonferma li huwa kien ghadda s-somma ta' €18,000 fi flus kontanti lill-imputat. Hu jghid li b'rizultat ta' hekk, l-imputat u hu ffirmaw kart datata 30 ta' Ottubru 2014, fejn Camilleri kkonferma li huwa debitur tieghu fl-ammont ta' €20,000 – u dan peress li skond hu, il-ftehim kien li mal-konsenja tal-luminata, Spiteri jiehu €2,000 qligh. Fix-

[61] Ghal dawk it-tnejn biss li gew meqjusa u mhux it-tnejn li gew skartati

xhieda tieghu, pero', Spiteri jghid li kien hemm 4 okkazzjonijiet fejn Camilleri ta l-qligh lilu u lil iehor certu Roderick Tanti. Hu jghid li ghalhekk ircieva €4,000 – u cioe' nofs €2,000 ghal erba' darbiet. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li ghadda aktar minn hekk.

Fir-rigward ta' din l-incidenza, l-imputat gie akkuzat biss ta' approprjazzjoni indebita, u mhux ta' truffa. Dan jirrizulta car peress li l-imputazzjoni relattiva ghall-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali jindikaw bhala vittma lil Aaron Stivala u n-negozju tieghu, u mhux lil Anthony Spiteri.

Issa mill-provi jirrizulta li, jekk l-intiza kienet li s-somma ta' €18,000 tigi investita biex taghti *return* perjodiku lill-istess Anthony Spiteri, dan sar. Jekk sarx bil-flejjes kollha, dan ma jirrizultax. Izda din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li mill-provi ma jirrizultax provat b'mod soddisfacjenti ghalxiex intuzaw il-flus mghoddija minn Spiteri lil Camilleri. Ibda biex, Camilleri jishaq li hu ma' Spiteri qatt ma ghamel negozju. Din id-dikjarazzjoni, din il-Qorti ma tqishiex veritiera – anke peress li kieku kien hekk, l-imputat ma kienx ikollu ghalfejn jaghmel ftehimi bil-miktub ma' Spiteri, u jekk xejn, kien jaghmilhom ma' Tanti wahdu.

Jibqa' l-fatt pero', li Spiteri evidentement ghazel li jinvesti l-flus ma' Camilleri, u li fil-fatt, beda jara r-*return* fuq dan l-investiment. Jidher li f'mument minnhom, dan ir-*return* waqaf. Dan pero' ma jfissirx, bhal donnu b'mod awtomatiku, li Camilleri huwa responsabbli ta' approprjazzjoni indebita. Ghall-kuntrarju, din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni ma gietx soddisfacjentement ipprovata, peress li ma jirrizultax provat sal-grad rikjest mil-ligi, kif intuzaw il-flejjes, u li l-imputat uza dawk l-istess flejjes ghal skopijiet differenti minn dawk li f'idejh gew fdati. Ghalkemm fit-trattazzjoni jinghad li l-imputat jikkonferma, fl-istqarrija tieghu, li huwa uza l-flejjes ghal ragunijiet ohra, minn qari tal-istess stqarrija dan ma jirrizultax car – l-ghaliex

jekk xejn l-imputat jghid li l-kumpannija soffriet telf, jew danni – izda minn imkien ma jirrizulta li jghid li uza dawk l-€20,000 (jew kwalunkwe cifra ohra li setghet kienet) ghal xi ragunijiet ohra.

Ghalhekk, dwar din l-imputazzjoni, l-Qorti sejra tillibera lill-imputat.

Dwar it-tieni incidenza, din il-Qorti tqis li r-reat ta' truffa jirrizulta. Mill-provi jirrizulta li l-imputat ghadda cekk lill-vittma. Biss pero', l-imputat, evidentement konxju ta' x'kien qed jaghmel, ghazel li jwaqqaf ic-cekk dakinhar stess li ghaddieh. B'hekk din il-Qorti hija moralment konvinta li, fir-rigward ta' din l-incidenza, ossija dik relattiva ghat-tieni, tielet u raba' imputazzjonijiet, ir-reat ta' truffa u l-elementi tieghu gew soddisfacjentement ipprovati. Ghalkemm jirrizulta li, fuq il-karti, kien hemm bizzejjed fondi biex ic-cheque mahrug favur Planit Travel Services Ltd seta' jissarraf, fil-fatt is-somma li kienet ghadha kemm tidhol ta' €11,646 ma ssarfitx u giet *reversed* ukoll. Dan oltre l-fatt li l-imputat ghazel li jwaqqfu. Wara li ghamel dan, u fil-fatt, sa mhux aktar tard minn gimghatejn wara, l-imputat kien uza l-fondi kollha, tant li sal-ahhar tas-sena 2008, kellu dejn u mhux *credit* fil-kont bankarju relattiv.

Bl-istess mod, din il-Qorti tqis li anke r-reat tal-misapproprjazzjoni jirrizulta, u dan peress li mill-provi jirrizulta li l-flejjes li bihom kellu jithallas Stivala, kienu ngabru minghand l-imputat izda effettivament dawn ma ntuzawx ghall-iskop li nghaddewlu. Minflok, l-imputat uzahom ghal skopijiet ohra, u ghalhekk l-elementi mehtiega ghas-sejbien ta' htija tar-reat ta' misapproprjazzjoni jirrizultaw ukoll.

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, din il-Qorti tqis li dan huwa kompriz u involut fit-tieni imputazzjoni, u ghalhekk filwaqt li, ghall-istess ragunijiet spjegati hawn fuq, tinsab moralment konvinta li anke dan ir-reat jirrizulta

provat, ser tqis li l-piena tieghu hija kompriza f'dik li ser tigi inflitta ghat-tieni imputazzjoni.

Tajjeb jinghad li fiz-zmien mertu tal-imputazzjonijiet tnejn sa erbgha, il-piena massima ghar-reat ta' approprjazzjoni indebita kien ta' tlettax (13) -il xahar sa seba' (7) snin (skond Att III tal-2002). Il-piena kienet inbidlet ghal sentejn (2) sa disa' (9) snin bl-Att XXIV tal-2014, u ghalhekk, wara z-zmien tal-imputazzjoni. (Art. 310 (1) (a)). Naturalment dan qed jinghad dejjem fid-dawl li l-imputazzjoni tat-truffa trid tinqara flimkien mal-artikolu 310 (1) (a) tal-Kodici Kriminali. Bl-istess mod, din il-piena kienet tapplika wkoll ghar-reat ta' truffa, li ghalkemm l-artikolu relattiv fiz-zmien mertu tal-imputazzjoni kien jistipula piena ta' seba' (7) xhur sa sentejn (2), bl-applikazzjoni tal-artikolu 310, l-istess piena hawn fuq indikata ta' 13-il xahar sa 7 snin kienet applikabbli.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebiet il-fedina penali ta' l-imputat.[62] Il-fedina penali ta' l-imputat ghalkemm mhix wisq allarmanti, mhijiex netta, u tindika li l-imputat fil-fatt kien instab hati fuq ammissjoni tieghu stess dwar korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku u frodi ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta. Dan juri li ftit li xejn kien hemm bidla fl-imgieba tal-imputat in segwitu ta' dan is-sejbien ta' htija tant li llum qed jigi mixli b'reati ta' natura simili.

- Ma rrizultax li l-imputat hallas lura l-flejjes misapproprijati ghajr ghal ammonti minnhom qabel ma kienu ghadhom inhargu l-akkuzi odjerni.

**Decide**

[62] Folio 4-5 ta' l-atti processwali

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a) u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Mark Anthony Camilleri **mhux hati** ta' l-ewwel imputazzjoni, izda **hati** tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotta kontrih u tikkundannah ghal piena kumplessiva ta' sentejn (2) prigunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, qeghdin jigu sospizi ghal erba' (4) snin millum. Stante li r-raba' imputazzjoni hija alternattiva ghat-tieni imputazzjoni, din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

Peress li l-imputat qed jigi misjub hati ta' akkuzi li jirrisalu ghal qabel id-data tas-sentenza li giet prezentata ghall-finijiet tal-addebitu tar-recidiva, l-imputat qed jigi liberat ukoll minn dan l-addebitu.

Inoltre, peress li jirrizulta li hemm kawza civili fil-konfront tal-imputat proprju dwar l-istess materja, u peress li ma jirrizultax car x'inhu l-bilanc dovut favur Aaron Stivala u/jew Planit Travel Services Limited, din il-Qorti mhijiex ser timponi obbligu ta' hlas

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali, jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Fl-ahhar nett, din il-Qorti qeghda, ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, tordna lill-hati jhallas kwalunkwe bilanc rimanenti mis-somma ta' hamest elef, hames mija u hamsa u tmenin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€5,585.84) originarjament dovuti lil Planit Travel Services Limited u dan f'massimu ta' sitt (6) xhur skond l-artikolu 28H (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante li ma jirrizultax li gew mahtura esperti f'din il-kawza, din il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi kkomunikata lir-Reġistratur tal-Qorti.

**Mogħtija illum, il-15 ta' Diċembru, 2022, fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Maġistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Reġistratur**